# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 72/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Philip Tanti**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2018.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Philip Tanti, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 383449M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xhur ta' Gunju u Lulju, 2014 gewwa 34 Triq tad-Dawl Haz-Zebbug bla hsieb li jisraq izda biex jezercita jedd li jppretenda li ghandu gieghel bl-Awtorita' tieghu innifsu esegwixxa obligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Antoinette Tanti u lil Angele Tanti fil-pussess ta' hwejjighom jew b'xi mod iehor cahad lil istess

Antoinette Tanti u lil Angele Tanti mill-access tal-fond 34 Triq id-Dawl Haz-Zebbug Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-6 ta' Frar, 2015 li biha sabet lill-imputat Philip Tanti hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, izda peress li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz kienet tal-fehma li jezistu l-elementi rikjesti mill-Ligi taht l-Artikoli 7(2) u 22 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tenut kont tax-xorta tar-reat u c-cirkostanzi li sehhew fih, il-Qorti qieset li mhux spedjenti li twahhal piena, izda li ghandhom jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk il-Qorti ghamlet ordni li biha illiberat lill-hati bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul il-perjodu ta' sena mid-data tas-sentenza;

Inoltre ai termini tal-Artikolu 377(3) tal-Kodici Kriminali l-hati kien ordnat li jnehhi l-inkonvenjent fi zmien tmint ijiem millum taht penali ta' ghaxar euro (€10) kuljum fin-nuqqas.

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogghobha **thassar u tirrevoka** s-sentenza appellata billi tehles lill-appellant minn kull imputazzjoni u piena u alternattivament li **timmodifika u tvarja** l-istess in kwantu ghall-piena stante li din fic-cirkostanzi hija eccessiva;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi waqt l-udjenza tal-lum, l-kwerelanta ddikjarat illi l-partijiet transigew il-pendenzi ta' bejniethom bil-publikazzjoni ta' kuntratt. L-istess kwerelanta ddikjarat li ma kienetx ser tixhed fil-konfront ta' l-appellant li huwa missierha u l-istess appellant ghamel l-istess dikjarazzjoni. L-appellanti ukoll irtira l-ewwel talba tieghu ghat-tahsir tas-sentenza appellata u zamm ferm it-tieni talba ghar-riforma taghha kwantu il-piena erogata;

2. Illi ghalhekk dan l-appell issa jitratta biss dwar il-piena erogata. Issa, teknikament l-appellant ma kien penalizzat bl-ebda mod meta inheles bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 hlief naturalment, ghall-ordni imposta fuqu li jottempera ruhu fit-tnehhija tal-inkonvenjent;

3. Il-Qorti tinnota b'mod sodisfacenti l-ezitu felici tal-kwistjoni li qanqlet lill-kwerelanta biex tirrikorri ghall-protezzjoni tal-Qorti u ghalhekk ser tittempra l-parti dispositiva tas-sentenza appellata fejn applikabbli;

4. Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tastejni milli tiehu konjizzjoni tal-aggravji u t-talba ghat-tahsir tas-sentenza appellata, tilqa' t-talba ghar-riforma tas-sentenza billi tikkonfermaha f'dik il-parti li fiha sabet lill-appelant hati u tibdilha f'dik il-parti li biha lliberat lill-appellant bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 billi tillimita dan il-perjodu ghal-zmien xahar mil-lum. Inoltre, thassar dik il-parti tas-sentenza fejn obbligat lill-appellant jottempera ruhu fi zmien tmint ijiem skond l-artikolu 377(3) tal- Kap 9 stante li din l-ordni ma ghadhiex aktar mehtiega;

5. Il-Qorti spjegat lill-appellant l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza;